MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 45/2000/1

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Vs**

**Jonathan Tonna u Joseph Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundanati li jhallsu lill-istess attur is-somma ta' disa' mija, hamsa u sebghin lira Maltija (Lm975.00) bhala VAT/ETI dovuta fuq yacht MY Staranamore ex Gracey Lee li kien dahal Malta bi ksur ta' kundizzjonijiet ta' importazzjoni 'duty free' ai termini ta' National Notes ta' kapitlu 89 ta' l-Ewwel Skeda tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-VAT/ETI ammontanti ghal Lm975 hu dovut.

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta'Ottubru 1999 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-istess konvenut Joseph Muscat (fol 2 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett :-
Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront tal-konvenut Joseph Muscat, stante li meta dan xtara d-dghajsa msemmija huwa xtraha bid-dazju mhallas u b'hekk ghandu jhallas id-dazju dovut il-konvenut l-iehor, Jonathan Tonna, dwar liema pretenzjoni qieghed jigi pprezentat avviz kontestwalment fl-ismijiet 'Joseph Muscat vs Charles Schembri u Jonathan Tonna, liema Charles Schembri kien id-'dealer' involut fil-bejgh .

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tal-konvenut l-iehor, Jonathan Tonna, (fol 30 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett :-

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artiklu 2149(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dezerzjoni tal-kawza stante illi ghaddew 'l fuq minn sitt xhur rikjesti mill-ligi ghall-gheluq tal-proceduri bil-miktub ai termini tal-Artiklu 963 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi, fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mhuwiex il-proprjetarju attwali tal-yacht Stranamore ex Gracey Lee, stante illi, f'Awissu 1997, l-eccipjenti kien partat din id-dghajsa ma' dghajsa ohra proprjeta ta' Charles Schembri filwaqt illi, f'Dicembru 1997, l-eccipjenti kien iffirma il-bill of sale tal-istess dghajsa li permezz tieghu, id-dghajsa giet trasferita a favur il-konvenut l-iehor Joseph Muscat;

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunwe kaz, l-ammont reklamat da parti

tal-attur fl-avviz mhuwiex dovut, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-attur u tal-konvenut Jonathan Tonna, b'referenza ghat-tieni (2) eccezzjoni sottomessa minn dan il-konvenut (fol 42 u fol 45 et seq ibid) rispettivament.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward it-tieni eccezzjoni sottomessa mill-konvenut Jonathan Tonna u li ser tigi deciza permezz ta' din is-sentenza preleminari dan qed jghid li, fil-konfront tieghu, din l-azzjoni ghandha tigi dikjarata deserta a bazi tal-artikolu 963 tal-Kapitolu 12 citat, liema artikolu jghid illi "Bla hsara tad-disprezzjonijiet ta' l-artikolu 416 u 420, il-procedura bil-miktub, f'kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur ...............". Dan iz-zmien perentorju jibda jiddekorri mid-data tal-presentata tac-citazzjoni. F'dan il-kaz, cioe' meta il-proceduri bil-miktub ma jkunux konkluzi u maghluqa, il-Qorti, kif jinghad fl-artikolu 963(3), tista' tpoggi l-kawza ma' ohrajn fejn dawn il-proceduri ghadhom mhux maghluqa u tiffissa zmien ulterjuri perentorju ta' mhux aktar minn xahar. L-istess artikolu jispecifika l-konsegwenzi ta' din is-sitwazzjoni f'kaz quddiem Qorti ta' Prim Istanza cioe li l-kawza, bil-proceduri bil-miktub ghadhom ma humiex konkluzi, ghadha titqies bhala wahda differita 'sine die' mill-Qorti u b'hekk japplikaw l-artikoli 964 sa 967 tal-istess Kodici.

Ikkunsidrat

Illi, f'dan il-kaz, jidher mill-atti illi l-avviz promotur kien gie presentat fit-13 ta' Jannar 2000 waqt li l-konvenut Jonathan Tonna kien gie finalment notifikat bil-procedura kif specifikat fl-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 citat fis-27 ta' Mejju 2002 permezz ta' affissjoni u fl-4 ta' Gunju 2002 permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Mill-atti jidher car li bejn dawn iz-zewg dati, kien hemm diversi

tentattivi da parti tal-attur sabiex jinnotifika dan il-konvenut izda b'ezitu negattiv.

Ikkunsidrat

Illi tenut kont illi :-

1. L-attur ghamel diversi tentattivi sabiex jinnotifika lill-konvenut Jonathan Tonna kif digja nghad 'supra';

2. Kif digja nghad, f'kaz ta' kawza quddiem Qorti ta' Prim Istanza u li fiha l-proceduri bil-miktub ma jkunux konkluzi entro t-terminu hemm fuq specifikat, dan ghandu jirrizulta f'differiment tal-istess kawza 'sine die' kif hemm fuq premess u mhix fid-deserzjoni tal-kawza b'mod awtomatiku u immedjat. Ghandu jigi rilevat, inoltre illi f'kaz illi l-kawza quddiem l-Ewwel Qorti tisfa' ghar-raguni premessa dezerta, ma jispiccax id-dritt ghall-azzjoni izda biss il-procediment (ara l-artikolu 996(6) ibid).

3. Kif ghadu kemm inghad, anke jekk din il-Qorti tordna d-deserzjoni ta' din il-kawza, xorta wahda l-attur jista' jintavola avviz (ossija rikors skond il-procedura odjerna) mill-gdid dwar l-istess meritu.

Ikkunsidrat

Illi, tenut kont ta' dak kollu premess u li ghadu kemm inghad fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti, Hi tara li l-attur ma jishoqqlux illi jigi penalizzat billi tiddikjara din l-azzjoni dezerta .

Ghal dawn il-motivi u minghajr il-htiega li jigu konsiderati punti ohra sollevati mill-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni in esami u tordna li dan il-kaz jitkompla fuq il-meritu tieghu wara li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Jonathan Tonna.

Bl-ispejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------